# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Novembru, 2024.**

**Numru 35**
**Rikors kostituzzjonali numru 465/2022/1 TA**

**Josette Micallef; Mary Rose Borg**

***v.***

**Maria Dolores Ciappara; L-Avukat tal-Istat**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn sentenza mogħtija fil-15 ta' Ġunju 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li sabet ksur tad-drittijiet fondamentali tal-atturi mħarsa bl-art. 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea ["l-Ewwel Protokoll"] u bħala rimedju ordnat lill-Avukat tal-Istat iħallas lill-atturi kumpens ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000). L-appell tal-atturi jolqot id-deċiżjoni dwar il-perjodu li matulu seħħ il-ksur u l-*quantum* ta' kumpens likwidat mill-ewwel qorti.

2. Il-fatti relevanti ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

> »Din il-kawża tirrigwarda l-fond … Ħal-Balzan.
>
> »Dan il-fond ippervjena lir-rikorrenti b'kuntratt ta' diviżjoni tas-6 ta' Novembru 1989. Dan wara li ġie devolut lilhom *per via di successione* min-nanniet paterni tagħhom.
>
> »B'att datat 28 ta' Marzu 1963, is-sid oriġinali Gaetano Abdilla, in-nannu patern tar-rikorrenti, ikkonċeda dan il-fond b'titolu ta' enfitewsi temporanja lil Joseph Ciappara, żewġ l-intimata.
>
> »Din il-konċessjoni kienet għal żmien sbatax-il sena mill-1 ta' April 1963 biċ-ċens temporanju ta' Lm45 fis-sena.
>
> »Joseph Ciappara baqa' jgħix fil-fond flimkien ma' martu l-intimata sakemm ġie nieqes. Martu l-intimata baqgħet tgħix fil-fond anke wara li skadiet il-konċessjoni enfitewtika fl-1 ta' April 1980. Dan bis-saħħa tal-emendi fil-Kap. 158 li daħħlu fis-seħħ bl-Att XXIII tal-1979. Speċifikament bl-artikolu 12(2) ta' dan il-Kap kif hekk emendat, l-intimata ingħatat id-dritt li jokkupa l-fond *ope legis* b'titolu ta' kera.
>
> »Il-kera kienet dik stabbilita fl-artikolu 12(2)(*b*) tal-Kap. 158 u rivedibbli kull ħmistax-il sena skont l-indiċi tal-inflazzjoni stabbilit mill-Istatistiku Prinċipali tal-Gvern *ai termini* tal-artikolu 13(2) tal-Kap. 158. Permezz tal-emendi li daħlu fis-seħħ fil-Kodiċi Ċivili bl-artikolu 39 tal-Att X tal-2009 kif emendat bl-artikolu 19(*a*) tal-Att V tal-2010, dan l-ammont huwa, *ai termini* tal-artikolu 1531Ċ(2) tal-Kap. 16, rivedibbli kull tliet snin u mhux iktar kull ħmistax-il sena.
>
> »Joħroġ li l-kera dovuta, kif hekk regolata, illum tammonta għal €315.68.
>
> »Ma huwiex magħruf jekk il-fond in kwistjoni kienx wieħed de-kontrollat.
>
> »Minn indaġni ta' din il-qorti jirriżulta li, kontestwalment ma' din l-azzjoni, ir-rikorrenti ppreżentaw rikors numru 721/2022 quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera a tenur tal-artikolu 12B introdott bl-emendi fil-Kap. 158 bl-Att XXVII tal-2018 kif sostitwit bl-Att XXIV tal-2021. Dan ir-rikors jinstab differit għas-sentenza għall-5 ta' Ottubru 2023.«

3. Billi dehrilhom li seħħ ksur tal-jedd tagħhom għat-tgawdija ta' ħwejjiġhom, l-atturi talbu illi l-qorti:

> »1. tiddikjara … illi fatti suesposti jikkostitwixxu ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewropea magħmula parti mill-liġi ta' Malta bis-saħħa tal-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta);
>
> »2. konsegwentement tiddikjara u tiddeċiedi illi l-lokazzjoni tal-fond … a favur ta' Maria Dolores Ciappara u l-provvedimenti tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta, b'mod partikolari l-artikolu 12(2) tal-istess Kap. 158 u d-disposizzjonijiet tal-Att X tal-2009 u liġijiet oħra viġenti lledew u qed

> jilledu d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif sanċiti fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokol tal-Konvenzjoni Ewoprea;
>
> »3. konsegwentement tagħti dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tiżgura t-twettiq tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti hekk kif garantiti skond il-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali;
>
> »4. tiddikjara … illi l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għal kumpens u danni pekunjarji sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kawża tal-fatti fuq spjegati fejn *inter alia* ma ġiex ikkreat bilanċ ġust bejn id-drittijiet tas-sid u dawk tal-inkwilini, *stante* illi l-lokazzjoni sfurzata a tenur tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta u tal-Att X tal-2009, fost infrazzjonijiet oħra, ma tirriflettix is-suq u lanqas il-valur lokatizju tal-proprjetà in kwistjoni;
>
> »5. tillikwida l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji kif sofferti mir-rikorrenti, *ai termini* tal-liġi;
>
> »6. tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas lir-rikorrenti l-istess kumpens u danni pekunjarji u non-pekunjarji hekk kif likwidati *ai termini* tal-liġi, bl-imgħax legali tat-8% fis-sena mid-data tal-preżentata tal-kawża odjerna sad-data tal-effettiv pagament.
>
> »Bl-ispejjeż kollha … … …«

4. L-Avukat tal-Istat ressaq din l-eċċezzjoni, fost oħrajn:

> »... … …
>
> »4. … … … jekk din il-qorti tqis li seħħ ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll, ma jistax jinstab ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti qabel is-sitta ta' Novembru 1989 u *cioè* qabel l-akkwist tal-fond mertu tal-kawża permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni u lanqas ma jista' jinstab ksur wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018;
>
> »... … …

5. Il-konvenuta Maria Dolores Ciappara wieġbet fit-2 ta' Novembru 2022, iżda l-eċċezzjonijiet li ressqet ma humiex relevanti għall-għanijiet ta' dan l-appell.

6. L-ewwel qorti ddeċidiet hekk:

> »Tilqa' limitatament, u *ai fini* ta' kumpens biss ir-raba' eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat bil-mod ikkonsidrat f'din is-sentenza.
>
> »Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet tal-intimat Avukat tal-Istat.
>
> »... … …
>
> »Tilqa' l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti billi tiddikjara u tiddeċiedi illi, bl-operazzjonijiet tal-artikolu 12, partikularment l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII ta' l-1979, ġew vjolati

d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal-proprjetà, bi vjolazzjoni tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta).

»... … …

»Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti billi tiddikjara li l-intimat Avukat tal-Istat huwa responsabbli għall-kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti b'konsegwenza tal-operazzjonijiet tal-artikolu 12, partikularment l-artikolu 12(2), tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta' Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979 ta' l-Att XXIII ta' l-1979.

»Tilqa' l-ħames talba tar-rikorrenti u tillikwidat kumpens u danni sofferti mir-rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000).

»Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni hekk likwidati bl-imgħax legali mid-data ta' din is-sentenza sad-data tal-effettiv pagament.

»L-ispejjeż kollha jitħallsu mill-intimat Avukat tal-Istat.

»Tordna lir-Reġistratur Qrati Ċivili u Tribunali sabiex jibgħat kopja ta' din is-sentenza lill-i*Speaker* tal-Kamra tad-Deputati skont l-artikolu 242(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta malli din is-sentenza tgħaddi in ġudikat.«

7. Il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-ewwel qorti għad-deċiżjoni tagħha safejn relevanti għall-appell tal-atturi u ġew imfissra hekk fis-sentenza appellata:

»… … …

»21. Permezz tar-raba' eċċezzjoni preliminari, l-intimat Avukat tal-Istat jissolleva li "ma jistax jinstab ksur tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti qabel is-sitta ta' Novembru 1989 u *cioè* qabel l-akkwist tal-fond mertu tal-kawża permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni u lanqas ma jista' jinstab ksur wara d-dħul fis-seġġ tal-Att XXVII tal-2018".

»22. Din il-qorti esprimiet ruħha diverżi drabi fuq eċċezzjoni bħal din.

»23. Fir-rigward tal-fattur taż-żmien minn meta għandu jitqies id-dekorrenza taż-żmien tal-leżjonijiet tad-drittijiet, din il-qorti hija kon-sapevoli tas-sentenza Ian Peter Ellis *et v.* Maggur Alfred Cassar Reynaud datata 27 ta' Jannar 2017 fejn intqal hekk:

> »"Fir-rigward tal-fattur taż-żmien minn mindu kellha tibda titqies il-leżjoni li sabet l-ewwel qorti, din il-qorti tosserva li l-punt tal-partenza mhuwiex iż-żmien meta r-rikorrenti wirtu, inizjalment b'mod parzjali u eventwalment fl-intier tiegħu, il-fond *de quo*, imma s-sena 1990 meta skadiet il-konċessjoni subenfitewtika għax dan huwa ż-żmien meta l-awturi fid-dritt tar-rikorrenti kellhom jieħdu lura l-fond iżda ma setgħux minħabba l-intervent leġislattiv fuq indikat. F'dak iż-żmien ġie impost fuq is-sidien rapport ta' lokazzjoni bejnhom u bejn l-intimati konjugi Cassar Reynaud u l-fatt li kien sussegwentement li l-fond intiret mir-rikorrenti huwa irrelevanti għall-finijiet ta' dan l-eżami, *stante* li, kif korrettement sottomess mir-rikorrenti, ladarba l-patrimonju tal-awturi tar-rikorrenti wirtuh ir-rikorrenti t-telf ta' qligħ soffert mill-awturi fid-dritt tagħhom effettivament sofrewh ukoll l-istess rikorrenti meta wirtu

> patrimonju anqas minn dak li kienu jirtu kieku mhux għal-lokazzjoni imposta fuq l-awturi taghhom.”

»24. Però din il-qorti ma taqbilx għal kollox ma’ dan ir-raġunament, għaliex kull każ irid jittieħed għalih. Biex l-eredi f’kawżi bħal dan in eżami ikunu f’posizzjoni li jinsistu fuq it-telf monitarju tal-awturi tagħhom, *ai fini* biss ta’ kumpens, ikun utili li jiġi eżaminat il-komportament tal-istess awturi. Altru li l-awtur ta’ dak li jkun, sa mill-bidu jew f’xi mument qabel l-iskadenza taċ-ċens jew kirja, ikun għamel dak kollu possibbli biex skont il-liġi jirrevendika d-drittijiet proprjetarji tiegħu però dejjem sab l-ostaklu fil-liġi, u altru awturi li, minkejja dak li tgħid il-liġi, baqgħu qatt ma għamlu xejn. Jista’ jkun minħabba letarġija jew għax addirittura kienu kuntenti bil-presenza tal-okkupant fil-proprjetà tagħhom. *Ai fini* ta’ kumpens biss, is-suċċessuri tal-awturi f’kawżi ta’ din ix-xorta ma jistgħux jikkapitalizzaw mill-passivitá tal-awturi tagħhom.

»25. Fil-każ in mertu r-rikorrenti saru sidien mal-mewt tan-nanniet paterni tagħhom, jiġifieri fit-30 fit-12 ta’ Awwissu 1986 in kwantu għan-nofs indiviż u fl-20 ta’ Ottubru 1987 in kwantu għan-nofs indiviż l-ieħor. Minkejja dak li tgħid il-liġi, f’ebda ħin ma nġiebet xi prova ta’ opposizzjoni min-naħa ta’ missier ir-rikorrenti, *qua* l-awtur tagħhom, in kwantu għal nofs indiviż tal-fond, bħal ma per eżempju ma aċċettax il-kera jew għamel xi intimazzjonijiet legali jew kawżi li, minħabba r-reġim legali, qatt ma setgħet issir ġustizzja magħhom. Lanqas ma jirriżulta li kien hemm xi kontestazzjoni dwar l-okkupazzjoni ulterjuri tal-fond min naħa tal-intimata Maria Dolores Ciappara. Jirriżulta anzi li l-kirja dejjem ġiet aċċettata mingħajr riżervi.

»26. Il-qorti sejra għaldaqstant, u limitatamnt *ai fini* ta’ kumpens biss, tqis li l-istess għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-mewt tan-nanniet paterni tar-rikorrenti.

»27. Permezz tal-istess eċċezzjoni l-Avukat tal-Istat jissolleva wkoll li l-azzjoni għandha tiġi limitata għall-effetti tagħha sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018. Il-qorti taqbel li l-kumpens għandu jkopri l-perjodu sal-10 ta’ April 2018. Dan peress li, wara dik id-data, ir-rimedju fir-rigward ta’ dik il-kera stabbilita abbażi ta’ titolu preċedenti ta’ enfitewsi li bdiet qabel l-1 ta’ Ġunju 1995 b’applikazzjoni tal-Kap. 158 kien dak disponibbli fl-artikolu 12B tal-istess Kap. 158. Dan l-artikolu ġie introdott bl-Att XXVII tas-sena 2018. Bis-sostituzzjoni ta’ dan l-Att bl-Att XXIV tas-sena 2021, dan l-artikolu 12B sar applikabbli fir-rigward ta’ dawn il-kirjiet mill-1 ta’ Ġunju 2021.

»… … …

»29. Il-qorti sejra għaldaqstant tilqa’ limitatament ir-raba’ eċċezzjoni tal-intimat Avukat tal-Istat bil-mod appena kkunsidrat.

»… … …

»31. Din il-qorti għalhekk sejra tilqa’ l-ewwel żewġ talbiet tar-rikorrenti billi tiddikjara u tiddeċiedi illi, bl-operazzjonijet tal-artikolu 12, partikolarment l-artikolu 12(2) tal-Kap. 158 tal-Liġijiet ta’ Malta kif emendat bl-Att XXIII tal-1979, ġew vjolati d-drittijiet tar-rikorrenti għat-tgawdija tal proprjetà in kwistjoni, bi vjolazzjoni tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea (l-Ewwel Skeda tal-Kap. 319 tal-Liġijiet ta’ Malta).

»32. Il-qorti sejra għalhekk tqis il-bqija tat-talbiet rimedjali.

»33. Bħala rimedju għal din il-vjolazzjoni, ir-rikorrenti qed jitolbu lill-qorti tagħtihom ir-rimedji kollha li jidhrulha xierqa fis-sitwazzjoni u tikkundanna lill-intimat Avukat tal-Istat iħallas kumpens u.

»34. Din il-qorti tara li t-talba għar-rimedji xierqa hija bbażata fuq l-artikolu 13 tal-Konvenzjoni li jipprovdi dritt għar-rimedju effettiv quddiem qorti mazzjonali.

»35. Il-qorti tikkonsidra li, għal raġunijiet ġà su esposti, it-talba għar-rimedji xierqa hija issa ċirkoskritta għal perjodu ta' qabel l-10 ta' April 2018. Kif ġia ingħad, min dik id-data ir-rikorrenti setgħu, kif hekk għamlu, jiddisponu ruħhom mill-imsemmi artikolu 12B tal-Kap. 158 kif introdott bl-Att XXVII tal-2018. Ir-rikorrenti jinsistu li l-kumpens jiġi kalkulat fuq dak ikkunsidrat mil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB) fis-sentenza <u>Cauchi *v.* Malta</u> applikazzjoni numru 14013/19 datata 25 ta' Marzu 2021, paragrafi 101-109. Dan iżda limitatament għall-perjodi su stabbiliti. Din il-qorti tikunsidra li din is-sentenza tagħti linja gwida ċara dwar kif għandu jkun kalkolat il-kumpens iżda fl-istess ħin issostni li din il-formula ma hiex bil-fors applikabbki bl-istess mod peress li mhux kull każ huwa invarjabilment bħal ieħor.

»36. Fl-evalwazzjoni minnha tad-dannu pekunjarju dovut lill-applikant bħala kumpens għat-telf ta' kontroll, użu u tgawdija tal-proprjetà tiegħu, il-QEDB fil-kawża ċitata mir-rikorrenti <u>Cauchi v. Malta</u> qieset, sa fejn kien xieraq, il-valuri lokatizzji fis-suq Malti tal-proprjetà matul il-perjodi rilevanti. Hija wkoll ikkunsidrat l-għanijiet leġittimi u l-"interess pubbliku" ta' dawn ir-restrizzjonijiet li jiġġustifikaw kumpens anqas mill-kumpens sħiħ li altrimenti jkun dovut skont il-valur tas-suq ħieles. F'dan ir-rigward il-QEDB innotat li l-miżuri kontestati f'kawżi ta' din ix-xorta ġew meqjusa li kellhom bħala għan leġittimu l-protezzjoni soċjali tal-kerrejja. Il-QEDB madankollu sabet ukoll li l-ħtieġa u l-interess ġenerali għal din il-protezzjoni li setgħet kienet eżistenti f'Malta fis-sena 1979 (meta l-liġi daħlet fis-seħħ bl-Att XXIII) battiet matul il-kors tat-tliet deċennji li segwew min dik is-sena. F'dan l-isfond il-QEDB qieset li, għall-finijiet tal-għoti ta' kumpens, tali valuri lokatizzi jitnaqqsu b'madwar 30% abbazi ta' dak l-għan leġittimu. Il-QEDB żiedet tgħid li raġunijiet oħra ta' interess pubbliku jistgħu ma jiġġustifikawx tali tnaqqis.

»37. Il-QEDB aċċettat ukoll li l-proprjetà, kieku ma kinetx hekk suġġetta għal din il-leġislazzjoni impunjata, mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu. Dan speċjalment fid-dawl ta' kif sploda s-suq tal-proprjetà riċentement. Il-QEDB għaldaqstant qieset bħala aċċettabli li jitqies li t-telf attwali kien inqas min dak iddikjarat, b'mill-inqas 20%.

»38. Magħdud dan, il-QEDB qieset li l-kera li l-applikant ikun diġà rċieva għall-perjodu rilevanti għandu jitnaqqas mill-kalkolu rilevanti. F'dan irrigward, il-QEDB rriteniet li l-kera li għandha hekk titnaqqas hija dik applikabbli bl-istess liġi. Dan peress li l-applikant stess għażel minn jeddu li ma jżidx il-kera għal perjodu taż-żmien miftiehem. Il-QEDB kkunsidrat ukoll li għandu jiġi mnaqqas ukoll l-ammont globali mogħti mill-qorti nazzjonali, liema ammont jibqa' pagabbli lill-applikant jekk ma jkunx għadu ġie hekk mħallas lilu.

»39. Fl-aħħar nett, il-QEDB tenniet li, in virtù ta' dak li jiddisponi l-artikolu 41 tal-Konvenzjoni, ma' dan l-ammont għandu jiżdied ħlas ta' 5% imgħax darba waħda biss. Dan sabiex jagħmel tajjeb għat-telf tal-

valur tal-kumpens matul iż-żmien minħabba kundizzjonijiet ekonomiċi nazzjonali bħal livelli ta' inflazzjoni u rati ta' interess.

»40. Din il-qorti għaldaqstant issib xieraq li jitħallas kumpens lir-rikorrenti fis-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000).

»41. Dan l-ammont għandu jitħallas mill-Avukat tal-Istat … … …«

8. L-atturi appellaw b'rikors tal-21 ta' Ġunju 2023 li wieġeb għalih l-Avukat tal-Istat fl-10 ta' Lulju 2023. Il-konvenuta Ciappara ma weġbitx.

9. L-appell tal-atturi ġie mfisser hekk:

»… … … *Ai termini* tas-sentenza <u>Cauchi v. Malta</u> … ir-rikorrenti kellhom jirċievu 50% tad-danni minnhom sofferti bejn il-perjodu tas-sena 1987 sad-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018, inkluż danni non-pekunjarji. Il-likwidazzjoni ta' kumpens mogħtija mill-ewwel qorti fis-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) bejn il-perjodu tas-sena 1989 u 2018 mhijiex ġusta *ai termini* tal-liġi u tmur kontra l-ġuris-prudenza kostanti tal-qrati tagħna.

»L-ewwel qorti laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat li per-mezz tagħha ġie eċċepit li, jekk sar ksur tal-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll, ma jistax jinstab ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti qabel is-sitta ta' Novembru 1989 u *cioè* qabel l-akkwist tal-fond mertu tal-kawża permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni u lanqas ma jista' jinsab ksur wara d-dħul fis-seħħ tal-Att XXVII tal-2018. Dan meta, fl-istess ħin, l-ewwel qorti ikkunsidrat li "l-qorti sejra għaldaqstant, u limitata-ment *ai fini* ta' kumpens biss, tqis li l-istess għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-mewt tan-nanniet paterni tar-rikorrenti". Kif indikat fir-rikors promotur, l-imsemmija nanniet mietu fid-19 ta' Ottubru 1987 u 30 ta' Ġunju 1986 rispettivament. Għaldaqstant, il-kalkolu tal-kumpens kellu jiġi ikkalkulat mis-sena 1987 u mhux mis-sena 1989.

»L-ammont li kellu jiġi likwidat għal finijiet ta' dannu pekunjarju in linea mad-deċiżjonijiet ta' din il-Qorti Kostituzzjonali kellu jkun ikkalkolat a bażi tar-rapport tal-perit tekniku … li ntalab jistabbilixxi l-valur lokatizzju fis-suq tal-fond mertu tar-rikors u dan mill-1 ta' Jannar 1987 sal-preżentata tar-rikors odjern (6 ta' Settembru 2022) b'intervalli ta' ħames snin.

»Mingħajr preġudizzju għas-suespost, ir-raġunament tal-ewwel qorti *vis-à-vis* it-tnaqqis fil-kumpens sas-sena 2018 huwa ċar, *stante* l-fatt li f'dik is-sena ġie introdott l-Att XXVII tal-2018.

»Għaldaqstant għal fini ta' dan l-appell qiegħdin isiru żewġ kalkoli separati tad-dannu soffert, l-ewwel wieħed ikopri l-perjodu bejn is-sena elf disgħa mija sebgħa u tmenin (1987) u s-sena elfejn u tmintax (2018), u t-tieni wieħed ikopri l-perjodu bejn is-sena elf disgħa mija u disgħa u tmenin (1989) u s-sena elfejn u tmintax (2018), biex b'hekk dina l-Qorti Kostituzzjonali jkollha stampa ċara tal-aggravju, u l-preġudizzju ċar li s-sentenza tal-ewwel qorti ikkawżat bil-kumpens kif likwidat.

»Id-dannu soffert fil-perjodu bejn is-sena 1987 – 2018 skont ir-rapport peritali jammonta għal €116,520. Jekk titnaqqas il-kera mħallsa f'dan il-perjodu sas-sena 2018, l-ammont li jrid jitnaqqas huwa ta' €7,956.07 biex b'hekk id-dannu effettiv pekunjarju li kellu jiġi likwidat favur l-appellanti wara tnaqqis ta' 30% u ta' 20% kellu jammonta għal €60,795.80. Dan *oltre* dannu non-pekunjarju ta' €15,500 (li jkopri l-istess perjodu; €500 għal kull sena ta' leżjoni) globalment ammontanti għal €76,295.80.

»Kieku kellu jiġi ikkalkulat id-dannu soffert għal perjodu deċiż mill-ewwel qorti, u *cioè* bejn is-sena 1989 u 2018, id-dannu soffert skont ir-rapport peritali jammonta għal €114,600. Jekk titnaqqas il-kera mħalsa f'dan il-perjodu sas-sena 2018, l-ammont li jrid jitnaqqas huwa ta' €7,536.79 biex b'hekk id-dannu effettiv jammonta għal €107,063.21. *Ai termini* ta' Cauchi *v.* Malta fuq riferiti, id-dannu pekunjarju li kellu jiġi likwidat favur l-appellanti wara tnaqqis ta' 30% u ta' 20%, kellu jammonta għal €59,955.40. Dan *oltre* dannu non-pekunjarju ta' €14,500 globalment ammontanti għal €74,455.40.

»Minkejja dan, l-ewwel qorti bla ebda spjegazzjoni ċara kif waslet għal ammonti kwotati ħlief li sar tnaqqis ta' 30% abbażi tal-għan leġittimu, u tnaqqis ta' 20% minħabba li l-proprjetà mhux bilfors kienet sejra tinkera matul il-perjodu kollu, ikkonkludiet li l-kumpens xieraq li għandu jitħallas lill-appellanti huwa biss ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000). Dan ovvjament sar bi preġudizzju qawwi għall-appellanti li diġà sofrew ammont konsiderevoli ta' telf pekunjarju *oltre* t-telf non-pekunjarju.

»Addizzjonalment, l-ewwel qorti ma illikwidat ebda danni non-pekunjarji u dan meta *ai termini* ta' ġurisprudenza fosthom tas-sentenza Henry Deguara Caruana Gatto *v.* L-Avukat tal-Istat *et* deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-23 ta' Novembru 2020 id-danni non-pekunjarji għandhom ikunu fl-ammont ta' €500 għal kull sena ta' ksur tad-drittijiet fundamentali. Issa jekk f'dan il-każ l-appellanti ilhom isofru ksur tad-drittijiet tagħhom mis-sena 1987, id-danni non-pekunjarji għandhom jiġu ikkalkolati fuq medda ta' wieħed u tletin (31) sena.

»Kif jirriżulta mid-diskrepanzi bejn il-kera perċepita u l-istimi tal-perit …, l-appellanti sabu ruħhom affaċjati b'sitwazzjoni ta' telf irrimedjabbli fis-suq ta' kera *stante* li bl-ebda mod ma setgħu jiżgumbraw lill-inkwilina Ciappara mill-lokazzjoni protetta mid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 158 tal-Liġijiet ta' Malta.

»… … …

»Fir-rigward tal-argument tal-ewwel qorti rigwardanti l-passività tal-awturi tal-appellanti ssir referenza għall-kawża appell kostituzzjonali numru 22/2013fl-ismijiet Evelyn Montebello *et v.* Avukat Ġenerali *et*, deċiża finalment mill-Qorti Kostituzzjonali fis-seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 13 ta' Lulju 2018, fejn ġie deċiż illi:-

> »"40. Din il-qorti taqbel mar-rikorrenti illi "l-fatt li r-rikorrenti ħallew snin twal jgħaddu qabel ma ppreponew il-proċeduri" m'għandux iwassal għat-tnaqqis fil-kumpens li jistħoqqilhom għall-ksur tad-dritt fondamentali tagħhom. … … … ladarba l-azzjoni ma waqgħetx bi preskrizzjoni, iż-żmien meta l-atturi għażlu li jfittxu rimedju ma għandux jintuża bħala argument kontriehom, aktar u aktar meta s-sitwazzjoni li wasslet għall-ksur tad-drittijiet tagħhom għadha sseħħ.

»41. Taqbel ukoll mal-argument l-ieħor imressaq mir-rikorrenti illi l-fatt li bis-saħħa ta' din is-sentenza l-atturi sejrin jingħataw r-rimedju ulterjuri li ma jibqgħux marbuta bid-disposizzjonijiet tal-liġi li kisru d-dritt fondamentali tagħhom m'għandux iwassal għal tnaqqis fl-ammont ta' kumpens li jistħoqqilhom għall-ksur ta' dak id-dritt. Dak ir-rimedju qiegħed jingħata sabiex ma jibqax iseħħ il-ksur tad-dritt filwaqt illi l-kumpens huwa r-rimedju għall-ksur ġà mġarrab mill-atturi matul iż-żmien li kienu mċaħħda mit-tgawdija ta' ħwejjiġhom."

»… … …

10. L-Avukat tal-Istat wieġeb hekk:

»... … …

»... … … l-aggravju huwa dirett biss lejn l-ammont ta' kumpens għaliex qegħdin jallegaw li l-ewwel qorti ma segwietx dak ritenut f'Cauchi *v.* Malta.

»Dan premess, l-appellat mill-ewwel u mingħajr tlaqliq jirreleva li s-sentenza mogħtija nhar il-15 ta' Ġunju 2023 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet premessi hija waħda ġusta u għalhekk timmerita li tiġi konfermata *in toto*.

»... … …

»L-appellanti jargumentaw li l-ewwel qorti ma kellhiex tillikwida kumpens fl-ammont ta' €35,000 bħala danni pekunarji mis-sena 1987 sas-sena 2018 iżda l-ammont kellu jkun dak ta' €59,955.40 mis-sena 1987 sas-sena 2018. L-appellanti qegħdin jippretendu €14,500 bħala danni non-pekunarji.

»Ir-rikorrenti jisħqu illi bħala kumpens pekunjarju, jekk il-kumpens kellu jingħata mis-sena 1989 sas-sena 2018 (kif iddeċediet l-ewwel qorti), huma kellhom jingħataw €59,955.40.

»Għalkemm mad-daqqa t'għajn is-sentenza ta' Cauchi *v.* Malta ġġiegħlek taħseb illi, sabiex jiġi stabbilit kumpens ġust f'kawżi bħal dawn, wieħed tabilfors irid juża u jimxi skrupolożament ma' din il-formula, madankollu dan m'huwiex il-każ (ara f'dan is-sens Mario Spiteri Maempel *v.* Malta deċiża mill-QEDB fis-6 ta' Settembru 2022 u Cecilia Josephine Depasquale *et v.* L-Avukat tal-Istat *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fl-20 ta' Mejju 2022 fost oħrajn).

»L-insenjament ta' Cauchi *v.* Malta m'huwiex vanġelu li ma jippermetti ebda interpretazzjoni. Filfatt f'dik is-sentenza jingħad li hemm ċertu diskrezzjoni fil-perċentwali stabbiliti. … … …

»… … …

»Għalhekk, għandu jiġi mfakkar li l-prassi f'dawn it-tip ta' kawżi, li jkun hemm riduzzjoni ta' 20% b'ebda varjazzjoni, fil-verità mhiex kompletament konformi mal-ispirtu ta' dak spjegat fis-sentenza ta' Cauchi *v.* Malta.

»Il-kuntratt ta' diviżjoni sar fis-6 ta' Novembru 1989 u għalhekk kienet korretta l-ewwel qorti li tilqa' r-raba' eċċezzjoni tal-esponent limitatament. Dan għaliex bejn it-30 ta' April 1987 (u *cioè* minn meta l-

appellanti ressqu prova tal-valur lokatizzju tal-fond mertu tal-kawża) sas-6 ta' Novembru 1989 (sa meta sar l-kuntratt ta' diviżjoni), il-fond ma kienx proprjetà biss tar-rikorrenti *qua* appellanti iżda kien jappartjeni wkoll lil terzi li m'humiex parti nf'din il-kawża li għandna quddiemna illum. Għalhekk ċertament l-appellanti ma jistgħux jippretendu li jieħdu kumpens li jmiss lil terzi. Għaldaqstant kienet korretta l-ewwel qorti li taħdem il-kumpens dovut *pro rata* (ara f'dan is-sens is-sentenza Josephine Mifsud Saydon *v.* L-Avukat tal-Istat *et* deċiża minn din il-qorti fit-30 ta' Marzu 2022).

»Fir-rigward tad-danni non-pekunarji, la fil-ġurisprudenza tal-qrati nostrana u wisq anqas fil-ġurisprudenza tal-qorti Ewropea ma hemm ben stabbilit għal kemm għandu jammonta l-kumpens non-pekunjarju. Terġa' u tgħid, l-appellanti m'għamlu ebda argument fl-appell in risposta in sostenn ta' għalfejn għandhom jieħdu kumpens non-pekunjarju. Fih innifsu, dannu non-pekunjarju jfisser ammont ta' kumpens għal dannu li ma jistax jiġi kwantifikat b'mod pekunjarju, u l-għan tiegħu huwa sabiex jikkumpensa lis-sid għat-tbatija morali li jkun sofra matul iż-żmein relevanti (ara Carmelina Bugeja *v.* Nazzareno Spiteri *et* deċiża fit-30 ta' Marzu 2022 mill-Qorti Kostituzzjonali).

»Terġa u tgħid, ir-rikorrenti wirtu nofs il-fond u għadda għandhom permezz ta' kuntratt ta' diviżjoni fis-sena 1989 u, kif ġie ritenut minn dina l-qorti, danni morali ma jintirtux (ara Mario Carmelo Pace *et v.* Avukat tal-Istat *et* (deċiża fit-30 ta' Novembru 2022 mill-Qorti Kostituzzjonali).

»L-esponent jagħmel referenza għas-sentenza deċiża fit-30 ta' Marzu 2022 minn dina l-qorti fl-ismijiet Carmelina Bugeja *v.* Nazzareno Spiteri *et* fejn dina l-qorti qieset:

> »"20. Il-qorti taqbel ukoll mal-Avukat tal-Istat li l-kumpens non-pekunarju likwidat mill-ewwel qorti huwa eċċessiv. Huwa minnu li m'hemmx lok għal tnaqqis fil-kumpens pekunarju minħabba l-passività tas-sid ġaladarba l-azzjoni ma tkunx ġiet preskritta u allura d-dritt ta' azzjoni jkun għadu sħiħ u mhux mittiefes. Dan ma jgħoddx ukoll però għal-likwidazzjoni tal-kumpens non-pekunarju, l-għan ta' liema huwa li jikkumpensa lis-sid għat-tbatija morali li jkun sofra matul iż-żmien relevanti. F'dan ir-rigward il-passività tas-sid issir għalhekk relevanti. L-ewwelnett għaliex il-passività tindika li t-tbatija morali tas-sid kienet limitata tant li għażel li ma jagħmel xejn dwar is-sitwazzjoni għal snin twal. *Inoltre* l-individwu għandu obbligu legali li kemm jista' jkun inaqqas id-dannu soffert minnu, ħaġa li s-sid ċertament m'għamilx. Fid-dawl ta' dan il-qorti tqis għalhekk li l-kumpens non-pekunarju dovut lill-attriċi għandu jkun fis-somma ta' €5,000 u mhux €16,000 kif likwidat mill-ewwel Qorti.".

»Wara kollox, ir-rikorrenti ma ġabu l-ebda prova li soffrew xi tip ta' uġigħ jew danni morali u għalhekk kienet korretta l-ewwel qorti fejn ma illikwidatx ammont għad-danni non-pekunjarji (ara Joseph Mary Duca *et v.* Reno Farrugia *et* deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fit-3 ta' Frar 2023. Għaldaqstant jirriżulta illi l-kumpens likwidat mill-ewwel qorti huwa ġust u għalhekk dan l-aggravju m'għandux jintlaqa'.

»… … …«

11. Tgħid ħażin l-ewwel qorti f'para. 24 tas-sentenza appellata illi "biex l-eredi f'kawżi bħal dan in eżami jkunu f'posizzjoni li jinsistu fuq it-telf monetarju tal-awturi tagħhom, *ai fini* biss ta' kumpens, ikun utili li jiġi eżaminat il-komportament tal-istess awturi" u illi "*ai fini* ta' kumpens biss, is-suċċessuri tal-awturi f'kawżi ta' din ix-xorta ma jistgħux jikkapitalizzaw mill-passività tal-awturi tagħhom", u tkompli illi, għax "f'ebda ħin ma nġiebet xi prova ta' opposizzjoni min-naħa ta' missier ir-rikorrenti, *qua* l-awtur tagħhom, in kwantu għal nofs indiviż tal-fond, bħal ma per eżempju ma aċċettax il-kera jew għamel xi intimazzjonijiet legali jew kawżi li, minħabba r-reġim legali, qatt ma setgħet issir ġustizzja magħhom", mela "*ai fini* ta' kumpens biss, tqis li l-istess għandu jiġi kkalkulat mid-data tal-mewt tan-nanniet paterni tar-rikorrent", u għalhekk laqgħet ir-raba' eċċezzjoni.

12. Dak li qalet l-ewwel qorti jiswa biss għall-għanijiet tal-likwidazzjoni tad-danni non-pekunjarji u mhux ukoll għal dawk pekunjarji, għax, kif ingħad fis-sentenza ta' <u>Evelyn Montebello</u> ċitata mill-atturi fir-rikors tal-appell, ladarba l-patrimonju tal-awturi tal-atturi wirtuh l-atturi, it-telf ta' qligħ li ġarrbu l-awturi minħabba l-ksur tad-dritt tagħhom effettivament ġarrbuh ukoll l-istess atturi meta wirtu patrimonju anqas minn dak li kienu jirtu kieku mhux għall-kirja kontrollata imposta fuq l-awturi taghhom.

13. Ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat għalhekk kellha tiġi miċħuda ladarba l-atturi tallum huma suċċessuri universali tas-sidien preċedenti.

14. L-enfitewsi ntemmet fl-1 ta' April 1980. Billi dak iż-żmien l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea ["Kap. 319"] kien għadu ma għaddiex b'liġi, id-*dies*

*a quo* għandu jitqies li kien it-30 ta' April 1987, kif igħid l-art. 7 tal-Att. Il-fatt illi l-kuntratt ta' qsim tal-wirt kien pubblikat fis-6 ta' Novembru 1989 ma għandux relevanza fid-dawl ta' dak li jgħid l-art. 946 Kod. Ċiv. dwar qsim ta' wirt. Id-*dies ad quem* huwa l-1 ta' Awwissu 2018, meta daħlu fis-seħħ l-emendi magħmula bl-Att XXVII tal-2018.

15. Iż-żmien relevanti mela huwa mit-30 t'April 1987 sal-1 t'Awissu 2018.

16. Maħdum bil-kriterji ta' Cauchi, u wara li tqis dak li daħħlu jew li setgħu daħħlu l-atturi, it-telf li ġarrbu l-atturi huwa madwar disgħa u ħamsin elf euro (≈ €59,000), kif muri fl-iskeda A mehmuża mas-sentenza biex titqies parti minnha.

17. Id-danni patrimonjali għalhekk qegħdin jiġu likwidati fis-somma ta' disgħa u ħamsin elf euro (€59,000)

18. Fadal id-danni non-patrimonjali.

19. Meta tqis illi kemm ilha l-proprjetà f'idejn l-atturi b'kiri kontrollat, iżda tqis ukoll illi din il-kawża fetħuha biss fl-2022, il-qorti hija tal-fehma illi kumpens ta' tlitt elef euro (€3,000) għal danni non-patrimonjali huwa tajjeb u biżżejjed fiċ-ċirkostanzi tal-każ.

20. Id-danni b'kollox għalhek jiġu tnejn u sittin elf euro (€62,000).

21. Il-qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata; tħassarha fejn laqgħet ir-raba' eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat u illikwidat id-danni fis-somma ta' ħamsa u tletin elf euro (€35,000) u, minflok, wara li tiċħad l-eċċezzjoni

tillikwida d-danni fis-somma ta' tnejn u sittin elf euro (€62,000); tikkon-ferma s-sentenza fil-bqija.

22. L-ispejjeż tal-ewwel grad jibqgħu kif regolati fis-sentenza appellata. Dawk tal-appell iħallashom l-Avukat tal-Istat.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da

Skeda A

| | | | | Indiċi ta' inflazzjoni |
|---|---|---|---|---|
| 1963 | 104.82 | (ċens) | | 168.18 |
| 1980 | 209.64 | (kera) | | 366.06 |

| | Kera fis-suq | Kera kontrollat | | |
|---|---|---|---|---|
| 1987 | 426.67 | 139.76 | * | |
| 1988 | 960.00 | 209.64 | | |
| 1989 | 960.00 | 209.64 | | |
| 1990 | 960.00 | 209.64 | | |
| 1991 | 960.00 | 209.64 | | |
| 1992 | 1,620.00 | 209.64 | | |
| 1993 | 1,620.00 | 209.64 | | |
| 1994 | 1,620.00 | 209.64 | | |
| 1995 | 1,620.00 | 209.64 | | |
| 1996 | 1,620.00 | 209.64 | | |
| 1997 | 2,880.00 | 209.64 | | |
| 1998 | 2,880.00 | 209.64 | | |
| 1999 | 2,880.00 | 209.64 | | |
| 2000 | 2,880.00 | 209.64 | | |
| 2001 | 2,880.00 | 209.64 | | |
| 2002 | 3,540.00 | 209.64 | | |
| 2003 | 3,540.00 | 209.64 | | |
| 2004 | 3,540.00 | 209.64 | | |
| 2005 | 3,540.00 | 392.23 | | 684.88 |
| 2006 | 3,540.00 | 392.23 | | |
| 2007 | 6,720.00 | 392.23 | | |
| 2008 | 6,720.00 | 392.23 | | |
| 2009 | 6,720.00 | 392.23 | | |
| 2010 | 6,720.00 | 392.23 | | |
| 2011 | 6,720.00 | 392.23 | | |
| 2012 | 5,700.00 | 392.23 | | |
| 2013 | 5,700.00 | 470.38 | | 821.34 |
| 2014 | 5,700.00 | 470.38 | | |
| 2015 | 5,700.00 | 470.38 | | |
| 2016 | 5,700.00 | 480.09 | | 838.29 |
| 2017 | 9,420.00 | 480.09 | | |
| 2018 | 6,280.00 | 320.06 | ** | |
| | 122,266.67 | 9,532.85 | | |

| | | |
|---|---|---|
| -20% = | 97,813.33 | * tmien xhur |
| -30% = | 68,469.33 | * seba’ xhur |
| naqqas | -9,532.85 | |
| Jifdal | 58,936.48 | |